**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 554/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kurt Farrugia)**

**vs.**

**Jean Louis Vella**

Illum, l-4 ta' Marzu 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Lil Jean Louis Vella bin Daniel u Carmen Vella xebba Caruana, mwieled fis-17/10/1979 residenti gewwa 19, Bliss, Triq Windsor, Paola u detentur tal-identita` bin-numru 510379(M).

BILLI int akkuzat talli nhar is-07 ta' Lulju 2017 ghall- habta tal-17.00hrs gewwa bin-numru 7 u 23 gewwa x- Xghajra u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghti n-nar lill-vettura ta' l-ghamla Volkswagen Golf b'numru ta' registrazzjoni JCA-363 u rregistrata fuq Mary Rose Schembri u kif ukol il- Garage bin-numru 7 ghad-detriment ta' Neville Cassar, meta gewwa fih kien hemm Neville Cassar u Jessica Conti wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghalltad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga aččidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament u bil-hsieb li jhassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u coie` vettura tal-ghamla Volkwagen Golf b' numru ta' registrazzjoni JCA 363 u rregistrata fuq Mary Rose Schembri u kif ukoll il-Garage bin-numru 7 ghad-detriment ta' Neville Cassar, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitta ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi jew fis-sahha ta' Neville Cassar hekk kif iccertifika Dr. Adrian Micaflef MD reg. 1922
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, propjeta` ta' Mary Rose Schembri, liema hsara ma tiskorrix l-mitejn u hamsin (250) Ewro.
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Cassar biza' li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) (a) meta kien jaf jew messu kien jaf li bl-imgieba tieghu kien se jikkaguna biza' lill-istess Neville Cassar.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Neville Cassar u dana permezz ta' garanzija taht l-artikolu 383 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll permezz ta' Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni offizi jew individwi ohra skont l-artikolu 412 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2018 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat ir-runviju ta' l-Avukat Generali data 1 ta' Gunju 2023 fejn bghatt l-artikolu ghall-gudizzju fejn talab sabiex lill-imputat jinsab hati skont is-segwenti artikoli:[2]

[1] Folio 6 ta' l-atti processwali
[2] Folio 279 ta' l-atti processwali

1. L-artikoli 316(a) u 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. L-artikoli 325(1)(a) u 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. L-artikoli 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. L-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. L-artikoli 251(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. L-artikolu 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412d, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul l-udjenza tat-2 ta' Gunju 2022 gew moqrija l-artikolu ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali u wara li saqsiet lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u wara li taghtu zmien bizejjed sabiex anke jekk irridx jikkonferixxi ma l-avukat difensur rispetto, huwa stqarr individwalment u separatament li ma ghandux

oggezzjoni li l-kaz jigi tratt u deciz minn din il-Qorti. Ghalhekk il-Qorti ikkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li matul l-udjenza tat-28 ta' Novembru 2023 l-imputat volontarjament iddikjara li kien hati u irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li l-Qorti avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.[3]

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

[3] Folio 362 ta' l-atti processwali

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna kaz ta' attentat ta' hruq bi periklu ghall-hajja ghad-detriment ta' Neville Cassar u Jessica Conti kif ukoll li kkagguna hsara lill-propjeta ta' Mary Rose Schembri u griehi gravi lil Neville Cassar.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li sas-2017 kien jinsab fiha registrat sentenza wahda biss li tinvolvi reat kontra ufficjal pubbliku.[4]

-L-imputat irregistra ammisssjoni ghall-imputazzjonijiet kollha wara gheluq il-provi tal-prosekzzjoni u fis-stadju avvanzat tal-provi tad-difiza.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu waqt is-smiegh tal-kawza tieghu u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[5], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[6], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[7] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[8]

-Illi jirrizulta li l-imputat ammetta wara li l-prosekuzzjoni kienet diga ghalqet il-provi taghha u anke saru il-kontro ezamijiet minn naha tad-difiza. Madankollu l-imputat ammetta qabel ma inghalqu l-provi tad-difiza u l-Qorti kellha tghaddi ghas-sentenza finali. Ghaldaqstant filwaqt li ma jistax jinghad li l-ammisjoni saret fi stadju bikri xorta huwa meqjus li sar tul il-mori tal-

---

[4] Folio 4 ta' l-atti processwali
[5] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[6] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[7] Thomson Reuteurs, S-29
[8] Blackstone Press Limited – 2006 edition

proceduri u ghalkemm fi stadju avvanzat wara li kien saru numru ta' seduti u ghadda numru ta' snin minn meta inbeda l-kaz qabel is-sentenza finali fi stadju kmieni tal-provi tal-prosekuzzjoni.

- Illi l-parte civile Neville Cassar kien iddikjara permezz ta' nota datat 28 ta' Novembru 2018 li huwa kien qed jahfer lill-imputat ghall-akkadut u li konsegwentement kien qed jirtira l-kwerela minnu maghmula kif ukoll kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli stante li m'ghadx fadallu l-ebda interess f'dawn il-proceduri.[9] Illi dan gie ukoll ikkonfermat meta xehed fl-udjenza ta' l-20 ta' Frar 2019.[10]

- Mix-xhieda ta' l-espert Mario Scerri irrizulta li l-ferita kienet wahda ta' natura hafifa ghaliex irrizultat fi *blunt trauma* u li jekk hija verament relatat mal-kaz din tidher *from within talking distance*. Ma rrizultax li kien hemm fratturi tan-*nasal bone*.

- Illi l-vittmi gew kompensati tal-hsarat li soffrew u ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandiex ghalfejn taghmel Ordni ta' Kumpens.

- Illi fil-mori tal-proceduri gie mhejji *Social Inquiry Report*.[11] Fil-pjan ta' kura gie suggeriet li l-imputat ghanu jkompli jsostni l-aspetti pozittivi f'hajtu fosthom ir-relazzjonijiet b'sahhithom li ghandu mal-familjari, l-impjieg, u li jkompli jsahhah l-gharfien tieghu fejn tidhol l-edukazzjoni u kif ukoll li jghix hajja ta' bzulija.

- Illi fis-sottomissjonijiet finali taghha l-prosekuzzjoni isuggeriet lil din il-Qorti sabiex tikunsidra piena alternattiva ta' xoghol fil-komunita fil-massimu.

[9] Folio 37 ta' l-atti processwali
[10] Folio 46 ta' l-atti processwali
[11] Dok NC1, Folio 333-356 ta' l-atti processwali

- Illi minn naha taghha d-difiza abbracjat ruhha mas-suggeriment tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhijiex bl-ebda mod marbuta ma' dawn is-sottomissjonijiet tara li din il-piena hija wahda legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitoli 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li piena alternattiva ghall-inkarcerazzjoni mhux ser thalli l-frott mistenni u ghalhekk il-Qorti sejra tikunsidra piena alternattiva ta' habs.

## Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 316(a), 41(1)(a), 325(1)(a), 214, 215, 216(1)(b), 325(1)(c), 251(3), 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Jean Louis Vella fuq ammissjoni tieghu stess **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u

b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` ghall-erba' mija u tmenin siegha.

F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` huwa mehtieġ li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahriġ, hekk kif rakkomandat fis-sottomissjonijiet tal-partijiet u dan ghall-perijodu ta' **erba mija u tmenin (480) siegha** kif qed jigi speċifikat fl-ordni. Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati ikun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni. A tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Komunita` assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita`.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Jean Louis Vella ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-espert Dr. Mario Scerri fis-somma ta' ta' mitejn, sitta u sittin Ewro **(€266)**[12] u lil espert Mario Buttigieg fis-somma ta' erba mija, tmienja u erbghin Euro u tnejn u hamsin centezmi **(€448.52)**[13]

Komunika: Registratur tal-Qorti

[12] Folio 103 ta' l-atti processwali
[13] Folio 261 fuq wara ta' l-atti processwali

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar il-4 ta' Marzu 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**